# GUDIKATUR: DR AUDREY J DEMICOLI LL.D.

## SEDUTA TA' NHAR IT-TNEJN, 30 TA' APRIL, 2001

*Avviz. Nru 75/01 AJD*

Portelli & Brincat Ltd.

vs

Tessie Ablett

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-5 ta' Frar, 2001, fejn intalab li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlieta u sittin lira Maltin (Lm63.00) rapprezentanti bilanc minn somma akbar, prezz ta' vertical blinds u rollers mibjugha lill-konvenuta u kkonsenjati u installati fuq inkarigu taghha stess.
Bl-ispejjes u bl-imghaxijiet mid-data tal-fattura relattiva sal-hlas effettiv kontra l-konvenuta.

Ra li l-konvenuta debitament notifikata, baqghet ma deheritx u lanqas ma prezentat risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda tal-Prokuratur Legali Josette Attard in rappresentanza tas-socjeta' attrici li kkonfermat bil-gurament li l-ammont ghadu dovut lis-socjeta' attrici. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlieta u sittin liri Maltin (Lm63.00) bl-imghaxijiet kif mitluba.

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill- konvenuta skond il-Ligi.

AV. AUDREY J. DEMICOLI
GUDIKATUR